MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tat-30 ta' Novembru 2015

Talba Numru: 712/2015

Numru fuq il-Lista: 23

**GO p.l.c. C22334**

**vs.**

**Natural Pharma Limited (C58880)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta' attriċi talbet il-ħlas mingħand is-soċjeta` konvenuta tas-somma ta' tliet mija u wieħed u tletin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€331.91), in konnessjoni ma' servizzi ta' internet liema servizzi huma miġbura fil-kont bin-numru 40320407 u li ġew reżi mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta` konvenuta;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjeta` konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, is-soċjeta` konvenuta ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-**Kapitolu** li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li s-soċjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' tliet mija u wieħed u tletin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€331.91), bl-imgħax legali dekorribbli mill-1 ta' Settembru 2015 li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tas-soċjeta` konvenuta.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur